**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 149/21 AL

A B

vs

Dr. Ramon Bonnett Sladden u l-P.L. Davina Ellul Sullivan li permezz tad-digriet tal-4 ta' Mejju 2021 ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti C D B u b'digriet tal-15 ta' Frar, 2022 Dr.Ramon Bonnett Sladden gie sostitwit b'Dr. Simon Micallef Stafrace.

(MR Number 849/2008)

Rat ir-rikors li gie kkonfermnat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-esponenti u l-intimata kienu izzewgu f' Malta nhar it-tlettax ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (13/06/2008) liema zwieg gie registrat gewwa Malta

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal,

3. Illi l-intimata telqet minn malta u l-esponenti ma jafx fejn tinsab u qatghet kull kuntatt mieghu;

4. Illi l-partijiet kienu isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni Hawn anness u mmarkat dok "A' li ggib id-data sitta (6) ta' April tas-sena 2017

5. Illi l-esponenti jiddikjara li ma hemmx ebda prospett ghar-rikonciljazzjoni bejnu u bejn l-intimata;

6. Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-artiklu 66b tal-Kodici Civili

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taż-Zwieg imsemmi b'numru

2. Tordna lir-Registratur sabiex javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha jesponu:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Gunju, 2021;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' April 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.